MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-22 ta' April, 2015

Appell Kriminali Numru. 160/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Galea**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Mario Galea, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 412169(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-10 ta' Ottubru 2012 għall-ħabta tas-19:30hrs ġewwa Triq Rużar Briffa, il-Mosta ħebb għal martu Dorita (Dolores-Rita) Galea u kkaġunalha ġrieħi ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Ivan Micallef M.D. ta' Birkirkara Health Centre.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 u dan ghas-sigurta` ta' Dorita (Dolores-Rita) Galea;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-8 ta' April 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli

221(1) u 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Mario Galea ħati u kkundannatu xahar priġunerija sospiż għal sentejn ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Mario Galea ppreżentat fis-17 ta' April 2013 fejn talab li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi fejn l-appellant instab ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, u minflok tiddikjarah mhux ħati skond il-liġi u tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ewlieni ta' l-appellant hu li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ mingħajr dubju raġjonevoli. Jgħid illi huwa ma setax jinstab ħati fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet. Inoltre kien hemm konflitt kbir ta' provi.

**6.** Issa, dan l-appell u l-appell numru 161/13 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Dorita Galea** jirrigwardaw l-istess allegat inċident bejn koppja miżżewġa. Fis-seduta tallum kemm l-appellant kif ukoll martu Dorita Galea ddikjaraw li ma xtaqux jixhdu kontra xulxin u li kienu qed jirrinunzjaw għall-azzjoni kriminali. Id-difensuri tagħhom inoltre nfurmaw lil din il-Qorti illi l-patroċinati tagħhom kienu rranġaw id-differenzi ta' bejniethom. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti, u wara li rat l-artikoli 543(e) u 545(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jirriżultalhiex illi hemm lok illi jitkomplew dawn il-proċeduri. Konsegwentement m'hemmx lok illi jiġi kkunsidrat l-aggravju tiegħu.

**7.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier tagħha, tiddikjara l-proċediment eżawrit u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------